# ID-DAWL

OTTUBRU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 58

**"Taqtgħux qalbkom mill-ħniena ta' Alla, żgur Alla jaħfer id-dnubiet kollha."**



L-Isfidi Tagħna | Il-Bibien tal-Maħfra | Ir-4 Jalsa Salana | Ir-Reliġjon Iddawwal

F’Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# L-ISFIDI TAGĦNA

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Fid-dinja moderna l-bniedem qed jiffaċċja ħafna sfidi differenti, minn dawk domestiċi għal dawk nazzjonali u anke fuq livelli internazzjonali. Dawn l-isfidi jvarjaw minn pajjiż għal ieħor, iżda xi sfidi huma komuni ħafna bejn in-nazzjonijiet kollha, bħal dawk ekonomiċi, il-liġi u l-ordni u dawk soċjali. Waħda minn dawn l-isfidi soċjali hija li kif flimkien nistgħu ngħixu fil-paċi, kif nistgħu nsiru tolleranti u rispettużi lejn xulxin. Nafu li d-dinja saret villaġġ globali fejn in-nies isiefru minn pajjiż għal ieħor, fejn in-nies jemigraw minn pajjiż għal ieħor u hekk is-soċjetajiet qed isiru aktar multikulturali u multireliġjużi.

Għalhekk huwa importanti ħafna li nitgħallmu l-valuri tal-imħabba u tar-rispett u nipprattikawhom fil-ħajja tagħna ta’ kuljum; nibnu pontijiet bejn in-nies u nxerrdu messaġġ tat-tama u tal-paċi. Barra minn hekk, nistabbilixxu ħbiberija ġenwina bejnietna, nuru s-solidarjetà ma’ xulxin, ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn, u għandna nadottaw il-kompassjoni bħala l-karatteristika bażika tagħna.

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li l-aqwa fostkom huwa dak li jitma’ l-oħrajn u jsellem lin-nies bit-tislima ta’ *Assalamu Alaikum* – paċi u barkiet ta’ Alla jkunu fuqkom.


## ID-DAWL

Ottubru 2022 – Numru 58 – Pubblikazzjoni ta’
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**


## INDEX


Our challenges 02
Doors of forgiveness 04
It’s never too late 05
The 4th Jalsa Salana 06
Religion enlightens 08



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Reephotoeasy | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-VALUR TAL-EDUKAZZJONI

L-edukazzjoni u ż-żieda fl-għarfien tgħinna biex inkunu bnedmin edukati u biex inkunu bnedmin aħjar u twajba. Barra minn hekk tgħinna biex nibbenefikaw lill-umanità b'ħafna modi li jġibu t-tkabbir u t-tisħiħ fis-soċjetà.

L-Iżlam bħala reliġjon jenfasizza ħafna fuq l-edukazzjoni, għax l-edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess, il-prosperità u ġejjieni sabiħ u kompetittiv. L-Iżlam ifakkarna li s-sigriet għas-suċċess fl-edukazzjoni huwa li nosservaw it-talb u nitolbu għajnuna minn Alla sabiex niksbu suċċessi kbar fl-edukazzjoni. Nistaqsu lil Alla għall-għajnuna u l-gwida Tiegħu peress li Hu s-Sors tal-Għarfien kollu u jħobb jara li nużaw il-ħiliet u l-kisbiet tagħna għall-ġid tal-umanità.

Mingħajr ebda dubju, l-edukazzjoni hija pedament għal ħajja aħjar u futur b'saħħtu. Il-bniedem f'kull epoka kien jaf dwar l-importanza tal-edukazzjoni, imma, fid-dinja moderna ma nistgħux nikkompetu mal-oħrajn jekk aħna nibqgħu lura fl-edukazzjoni. Allura, it-tfal tagħna li huma l-futur tal-pajjiż u tal-umanità għandhom jieħdu edukazzjoni mill-aqwa u jibnu karattru b'saħħtu u ġenwin b'valuri umani sodi.

Il-Koran Imqaddes enfasizza l-importanza tal-edukazzjoni billi għallem it-talba: **"O Sidi, kabbarni fl-għarfien."** Barra li din it-talba hi sors ta' għajnuna kbira, hi tispirana aktar lejn it-tagħlim u l-iżvilupp tal-kawża tal-għarfien uman.

Illum, l-umanità għandha ħafna bżonn li wliedna għandhom ikunu eċċellenti fl-ispiritwalità u l-edukazzjoni tagħhom, u jservu lill-umanità f'ħafna modi differenti, fl-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xjenza u f'ħafna aktar oqsma importanti. Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ta ħafna importanza għal li wieħed ikompli jakkwista l-għarfien u qal: **"Fittxu l-għarfien min-nieqa sal-qabar."** Huwa kien jgħid li, **"Jekk xi ħadd jagħmel vjaġġ bil-għan li jikseb edukazzjoni u għarfien, Alla jiftaħ it-triq għalih u fl-istess ħin jiftaħ it-triq għall-ġenna."**

# IL-BIBIEN TAL-MAĦFRA

Alla tagħna huwa l-Ħanin, il-Grazzjuż, is-Sovran, is-Sors ta' Paċi u l-Aktar li Jaħfer. Bħal li hija parti min-natura umana li xi kultant taqa' fl-iżbalji; il-maħfra hija parti mill-ħniena u l-attributi ta' Alla.

Bla dubju ta' xejn, id-dnub tassew hu velenu li jweġġa' r-ruħ tal-bniedem u jeqred l-ispiritwalità. Imma meta jitwieled id-dnub? Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya, il-Messija Mwiegħed[as], iwieġeb din il-mistoqsija u jgħid li, id-dnub jitwieled meta l-bniedem jonqos milli jobdi lil Alla u huwa vojt mill-imħabba Tiegħu u t-tifkira maħbuba Tiegħu. Id-destin tal-bniedem li qalbu tkun saret kiesħa għall-imħabba ta' Alla jixbah lil siġra maqlugħa mill-għeruq; ma tkunx kapaċi iżjed tieħu l-ilma tal-ħajja mill-ħamrija. Bħala riżultat, is-siġra bil-mod il-mod tinxef u tmut, għalhekk, bħan-nixfa tas-siġra, id-dnub jegħleb lill-qalb.

Ir-rimedju għal dan l-istat ta' nixfa huwa dak li l-bniedem jikber fl-imħabba ġenwina ta' Alla, jitlob il-maħfra Tiegħu, u li ddur lejn Alla bl-umiltà kollha waqt li tiġbed l-ilma tal-ħajja u tersaq aktar qrib Tiegħu. Din is-sitwazzjoni ma tistax takkwistaha sempliċement bil-fomm; fil-fatt tista' tipperfezzjonaha biss bil-għajnuna ta' għemejjel tajba. Meta l-bniedem jaqbad it-triq lejn Alla, jibda t-tkabbir spiritwali, jipprova jagħmel tajjeb u jevita l-ħażen, hu jsib il-bibien għall-maħfra dejjem miftuħa beraħ.

## TAQTGĦUX QALBKOM

Il-maħfra hija parti mill-attributi ta' Alla, għalhekk, il-bniedem qatt u qatt ma għandu jaqta' qalbu, u ma jitlifx tama mill-ħniena ta' Alla f'din il-mixja spiritwali. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes: **"Għid, 'O qaddejja Tiegħi li wettqu eċċessi kontra ruħhom stess! Taqtgħux qalbkom mill-ħniena ta' Alla, żgur Alla jaħfer id-dnubiet kollha. Tassew Hu l-Aktar li Jaħfer, Ħanin'."** (39:54) Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, għallem din il-lezzjoni suprema u qal li qatt ma għandkom iċċedu għad-disprament. Huwa qal: **"Għal kull marda hemm rimedju, ħlief il-mewt."**


Francisco Javier Gil | Shutterstock

## QATT MHU TARD WISQ

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, darba rrakkonta l-istorja ta' persuna li qatlet 99 persuna u mbagħad ħass rimors. Huwa talab għall-aktar persuna infurmata u mar għandu. Meta staqsieh jekk kellux ċans għall-maħfra u s-salvazzjoni, ir-raġel l-ieħor esprima xokk, u qal li le m'għandux ċans għall-maħfra. Il-qattiel ħareġ is-sejf u qatel lil dan ir-raġel ukoll u issa n-numru ta' qtil kien ta' 100.

Imbagħad fittex persuna oħra infurmata u qallu dwar persuna oħra. Meta mar għandu u staqsieh dwar il-possibbiltà tal-maħfra, qallu, "Ħalli l-belt ħażina fejn qed tgħix u mur f'belt tajba, u biex tkun man-nies twajba." Il-qattiel iddeċieda li jagħmel dan iżda miet waqt li kien fi triqtu. Imbagħad, skont id-diskors, l-anġli tal-ħniena u l-kastig argumentaw fuqu. Eventwalment, Alla bagħat anġlu li għamel il-ġudizzju finali bil-kliem, "Araw ta' liema miż-żewġt ibliet kien eqreb, u poġġuh man-nies tagħha." Peress li kien eqreb lejn il-belt tan-nies tajbin, kien maħfur.

# IR-4 JALSA SALANA MALTA

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta organizzat ir-4 Jalsa Salana (Konvenzjoni Annwali) tagħha fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, fit-30 ta' Ottubru 2022. Il-Jalsa saret f'żewġ sessjonijiet. It-tema tal-Jalsa ta' din is-sena kienet ***"Kalifat, Sistema u Ubbidjenza"***.

L-ewwel sessjoni bdiet bil-qari mill-Koran Imqaddes, poeżiji u diskorsi fuq suġġetti differenti. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta kienet imbierka li tirċievi messaġġ speċjali mingħand il-Kap tal-Komunita, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aa], li nqara wkoll.










It-tieni sessjoni tal-Jalsa Salana saret fuq it-tema, ***"Flimkien għall-Paċi"***. Is-sessjoni bdiet bil-qari mill-Koran Imqaddes u bit-traduzzjoni bl-Ingliż tiegħu. Din is-sessjoni kienet indirizzata mis-Sinjura Mary Gauci, President ta' Happy Parenting Malta, is-Sinjura Umayma Elamin Amer, President tal-Assoċjazzjoni tan-Nisa Immigranti, is-Sur Bryan Corlett, President tal-Federazzjoni Universali tal-Paċi, ir-Reverend Alfred Vella, Saċerdot Kattoliku u l-Kap tal-Uffiċċju taż-Żwieġ Arċidjoċesi ta' Malta, u mill-Imam Laiq Ahmed Atif, il-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta.




Din hija t-tradizzjoni tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana li norganizzaw sessjoni speċifikament fejn nistiednu l-mistidnin mir-reliġjonijiet differenti, bħala sinjal ta' għaqda, armonija u fratellanza universali. Il-kelliema kollha enfasizzaw fuq l-importanza u l-benefiċċji tal-paċi. Kulħadd kien jaqbel dwar il-fatt li l-paċi u l-armonija huma l-pedament tal-progress u l-prosperità tagħna.



# IR-RELIĠJON IDDAWWAL IL-MOĦĦ



Qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], il-poplu Għarbi kien meqjus bħala barbaru u mhux aħjar mill-bhejjem.

Imbagħad, wara l-miġja tal-Qaddis Profeta[sa], permezz tal-ubbidjenza tiegħu lejh u permezz tat-tagħlim tiegħu, qalbu u moħħu tant ġew illuminati li beda jiġi rikonoxxut bħala mgħallem f'kull tip ta' xjenza u arti.

Qabel ma ħaddan l-Iżlam, Ħażrat 'Umar[ra] kien ragħaj tal-iġmla. Wara li sar Musulman, il-ħiliet intellettwali u l-għerf tiegħu tant irfinaw li fil-ftit snin tal-Kalifat tiegħu l-proġetti politiċi meraviljużi tiegħu ttrasformaw lid-dinja.

Is-sistema amministrattiva innovattiva tiegħu tat bidu għal dinja ġdida. Ix-xogħlijiet kbar u l-ippjanar eċċellenti tiegħu żiedu mal-glorja tal-Kalifat tiegħu. Is-sistemi politiċi avvanzati tal-Ewropa meqjusa bħala l-aktar superjuri ma jissellfux f'dawn iż-żminijiet ukoll l-ideat ta' Ħażrat 'Umar[ra]? L-ippjanar politiku u reliġjuż ta' Ħażrat 'Umar Farooq[ra] jagħmlu uniku għal żmienu.

Ir-reliġjon dallmitlu lil moħħu jew żviluppatulu? Il-verità hija li r-reliġjon ma tagħmilx lill-moħħ magħluq, iżda pjuttost tistimulah.
(*Il-ħtieġa u l-importanza tar-reliġjon*, pġ. 7)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**